MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Numru. 463/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 15 ta' Mejju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**

**Vs**

**Felix Borg.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Felix Borg, bin Emanuel u Lourdes nee’ Camenzuli, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ Jannar 1985, joqghod No. 3, Triq San Anard, Zabbar, u detentur tal-karta’ ta’ l-identita’ 108785 M;

Talli fid-29 ta’ Dicembru 2006, u fil-jiem ta’ qabel fiz-Zejtun, u f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer;

Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b’qerq jew akkwista b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe’ mutur ta’ l-ghamla Yamaha DT 125 b’numru ta’ registrazzjoni mhux maghruf;

Minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b’xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta’ chassis jew makna ta’ jew fuq vettura bil-mutur, u cioe’ mutur tal-ghamla Yamaha DT 125 b’numru ta’ registrazzjoni mhux maghruf;

Saq mutur tal-ghamla Yamaha DT 125 bin-numru ta’ registrazzjoni mhux maghruf minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma’ kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmija vettura u b’hekk ma’ kienx kopert b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

Saq l-imsemmi mutur meta ma’ kienx liebes ‘crash helmet’.

Sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula.

Rat l-Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15(1) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi prodotti;

Rat l-Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15(1) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ewwel zewg imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat. Zgur ma giet prodotta ebda prova li kien l-imputat li hassar jew biddel in-numru ta' registrazzjoni tal-mutur in kwistjoni. Li hu minnu hu li l-imputat saq il-mutur imsemmi fid-data, lok u hin indikati. Dan ma jfissirx pero' li l-imputat laqa' ghandu hwejjeg misruqa semplicement ghax kien qed isuq dak il-mutur, meta ftit tal-hin qabel l-istess imputat intlemah isuq il-vettura tieghu. Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, l-Qorti qed tiddikjara r-raba' imputazzjoni preskritta, peress illi din hi ta' natura kontravenzjonali u ghalhekk preskrivibbli bit-trapass ta' tlitt xhur zmien. Kwantu ghat-tielet u l-hames imputazzjoni, dawn irrisultaw ippruvati, u ghalhekk il-Qorti ser tapplika piena pekunjarja fil-konfront tal-imputat.

**Illi ghal dawn il-motivi;**

Din il-Qorti, filwaqt li mhux qieghda ssib lill-imsemmi Felix Borg hati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi kif dedotti, u ghaldaqstant tilliberah minnhom, qieghda tiddikjara r-raba' (4) akkuza preskritta, filwaqt li ssibu hati tat-tielet (3) u l-

hames (5) akkuza u tikkundannah ghal multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), pagabbli f'rati mensili ta' mitt Ewro (€100), ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

ANTHONY J VELLA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------